MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 3

5 ta' Mejju 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 3 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-minuta 9.7. **(Ref: K/2/Vol III)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"9.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li r-responsabilitajiet ma ġewx imqassma b'mod ġust u ekwu bejn il-kunsillieri kollha, għaliex filwaqt li hemm uħud li ġew mogħtija diversi responsabilitajiet, hemm oħrajn li r-responsabilitajiet li ngħataw huma limitati.".*

1.2. Is-Sindku R. Cutajar aċċenna għall-minuta 9.9 **(Ref: K/2/Vol III)** tas-seduta preċedenti u talab li tiġi mibdula kif jidher hawn taħt;

"9.9. *Is-Sindku qal li filwaqt li jirrispetta l-ħsibijiet tas-Sur Buttigieg, f'dan l-istadju hu ma kien ser jibdel xejn mir-responsabilitajiet assenjati. Is-Sur R. Cutajar stqarr li r-responsabilitajiet mogħtija lill-kunsillieri mhux neċessarjament li jibgħu hekk tul it-tliet snin u fakkar li dawn jiġu assenjati fid-diskrezzjoni tas-Sindku. Qal ukoll li l-qasam ta' l-entitajiet pubbliċi jinkludi wkoll il-monitoring ta' l-applikazzjonijiet li jsiru lill-MEPA, kif ukoll s-sejħiet li jsiru għall-offerti mid-Dipartiment ta' l-Artijiet għall-użu ta' proprjetà pubblika. Huwa kompla jgħid li ta struzzjonijiet lis-Segretarjat sabiex jinġabru l-avviżi li jkun hemm fil-Gazzetta tal-Gvern, peress li f'xi każi dawn jaffettwaw lir-residenti*.".

1.3. Il-Minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Estensjoni tal-Pergola Club Hotel (P/5/8/1)

2.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni PA 3206/06 lill-MEPA sabiex jinbnew żewġ sulari oħra fuq il-bini eżistenti, minn naħa ta' Triq Snajjin, kif ukoll biex jiġu sanzjonati strutturi temporanji li diġa saru.

2.1.3. Inġibdet l-attenzjoni li fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2006 il-kunsill kien iddiskuta din it-talba u ddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA dwar il-punti li jidhru hawn taħt:

- l-għoli tal-lukanda m'għandux jiżdied minn kif inhu fil-preżent sabiex jinżamm fl-istess livell bħal dak tal-kumplament tal-bini fi Triq l-Għerien, fejn huwa stabbilit fil-Pjan Lokali li l-għoli ma' jaqbisx sular wieħed 'il fuq mit-triq; u
- L-estensjoni ser iġib miegħa domanda akbar għall-parkeġġ, filwaqt li l-faċilitajiet pprovduti ġewwa l-lukanda ser jibqgħu l-istess.

2.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsostni l-punti li kienu tqajjmu oriġinarjament mal-MEPA, peress li jinħoloq preċedent f'dak li jirrigwarda l-għoli tal-bini.

### 2.2.1. *Speed humps* fi Triq in-Naħal (T/3/2/Vol III)

2.2.2. Inqrat ittra datata 22 ta' April 2008, mibgħuta minn Anthony Caruana li talab li jsiru *speed humps* fil-kuravatura li hemm fl-istess triq.

2.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jeżistu diversi toroq fil-lokalità simili għal Triq in-Naħal u għalhekk ġie deċiż ma jkunx f'loku li jsiru *speed humps* sakemm ma jkunx hemm talba ġenerali mir-residenti.

### 2.3.1. Kompetizzjonijiet fi tmiem l-istaġun tal-*Basketball* (S/6/Vol III)

2.3.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Mellieħa Basketball Team fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet 3 *vs* 3 u *shooting competitions* għat-tfal tan-*nursery* fi ħdan l-istess tim. L-attività hija ppjanta li sseħħ fis-17 ta' Mejju 2008 fil-bitħa ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

2.3.3. Il-Kunsill innota li diġa kien issieħeb mal-Mellieħa Basketball Team f'attività oħra u għalhekk aċċetta li jissieħeb anke f'din sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €230.

### 2.4.1. Attivitajiet tal-Mellieħa Scout Group (S/6/Vol III)

2.4.2. Sar aċċenn għal ittra datata 2 ta' Mejju 2008, mibgħuta mill-Mellieħa Scout Group sabiex il-Kunsill jipprovdi t-trasport meħtieġ matul is-sena għall-attivitajiet li jorganizza l-istess grupp. Huma qed jgħidu li jeħtiġilhom jużaw it-trasport, bejn sitta u għaxar darbiet fis-sena bi spiża ta' mhux aktar minn € 580 (Lm 250).

2.4.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jkun qed jinħoloq preċedent kemm-il darba l-kunsill jiffinanzja trasport, minflok li jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet li jorganizzaw l-għaqdiet. Huwa fakkar ukoll li fil-passat il-Mellieħa Scout Group ibbenefika mill-għajnuna mogħtija mill-Kunsill sabiex jittejjebu l-kwartieri li huma għandhom fil-Fortizza tas-Salib, li hija proprjetà pubblika. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ipprovda *mobile toilets* fil-kamp annwali li jseħħ ġewwa l-Aħrax.

2.4.4. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li l-għajnuna f'dak li tirrigwarda t-trasport għandha tiġi kkunsidrata kull każ fuq il-merti tiegħu, iżda fi kwalunkwe każ it-total tat-talbiet li jsiru m´għandux jaqbeż €300 f'perjodu ta' sena.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 10/04/08 – 30/04/08
- *Purchase Request Form* – 30/04/08
- Skeda ta` ilmenti - 0180/08 – 0235/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet

- Skeda ta' stimi dwar poloz ta' assikurazzjoni
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 21/04/08
- Stqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2007/2008

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attività msemmija li ser ssir fid-9 ta' Mejju 2008 fis-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja. Huwa qal li l-programm ser ikun jikkonsisti minn qari ta' poeżiji minn tfal. Tfal oħra ser ikunu qed ipinġu fis-sala taħt is-superviżjoni ta' Analiza Vella. Il-programm ser jinkludi wkoll mużika mill-vjolinista Simon Vella, li ser jakkumpanjawħ erba' żeffiena. Il-kantant tfajjel Mattei Curmi ser jipparteċipa billi jkanta xi żewġ kanzunetti fosthom waħda li "Il-Bikja tan-Natura" li biha rebaħ il-"Festival Fl-Għaqda għall-Melodija" organizzat mill-General Workers Union. Is-serata ser tiġi ppreżentata mis-Sinjura Eilleen Montesin li ser tintervista ommijiet li għaddew minn esperjenzi ta' mard jew ġarbu xi mewt ta' wliedhom.

4.1.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li tiġi ppreżentata qronfla lill-ommijiet kollha preżenti.

4.1.4. Il-Kunsill approva l-programm ta' l-attività kif proposta mis-Sindku.

4.1.5. Ġie ssuġġerit ukoll li nhar il-Ħadd 11 ta' Mejju 2008, issir żjara fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa u jitqassam xi frott lill-anzjani residenti fid-dar.

4.1.6. Il-Kunsill approva dan is-suġġeriment u ddeċieda li l-ħin ta' din iż-żjara jkun wara l-Quddiesa.

### 4.2.1. Maratona fit-toroq tal-lokalita` (S/4/2/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attività msemmija hawn fuq, li saret fit-2 ta' April 2008. Is-Sindku għarraf li huwa, flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo u l-kunsillier P. Cutajar li kienu preżenti, ġew mistiedna jippreżentaw it-trofej lir-rebbieħa.

### 4.3.1. Premju għall-Isportiv u l-Uffiċjal tas-Sena (S/4/4)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-proposta mressqa fis-seduta preċedenti (minuta 14.1.) dwar il-premju għall-isportiv u l-uffiċjal. Huwa ssuġġerixxa li d-data ta' din l-attività tkun nhar is-Sibt 5 ta' Lulju 2008 fi Ġnien il-Qiegħan.

4.3.3. Il-Kunsill innota u approva l-proposta, filwaqt li kien tal-fehma li s-suġġett għandu jkompli jiġi diskuss fis-seduti li jmiss.

### 4.4.1. Ħarġa 34 tal-magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol IV)

4.4.2. Is-Sindku għarraf li l-materjal għall-ħarġa 34 tal-magazin nġabar kollu u s-*setting* tiegħu kważi lest kollu.

4.4.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li dejjem kienet il-prassi illi l-abbozz finali jiġi mgħoddi lill-membri kollha tal-kunsill qabel jiġi stampat.

4.4.4. Is-Sur R. Cutajar wiegħed li din il-prattika għandha titkompla.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' Mejju 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-10 u t-30 ta' April 2008

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut ta' skeda u approva l-pagamenti elenkati.

**7.1. Stqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2007 / 2008 (F/1/2/Vol VI)**

7.2. Għall-preżentazzjoni tal-*Financial Statements* li tqassmu qabel is-seduta, attenda l-*Accountant* is-Sur Christian Vella. Huwa qal li kif jidher mir-rapport għas-sena li tagħlaq fil-31 ta` Marzu 2008, kien hemm likwidita` biżżejjed biex tlaħħaq mal-krедituri u l-proġetti tal-Kunsill li diġa huma kommessi. L-istess kredituri kienu jammontaw € 96,403, kontra l-bilanċ ta' € 619,545 miżmuma fil-banek.

7.3. Huwa qal li fis-sena li koperta bir-rapport ma' kienx hemm tibdil sinifikanti fid-dħul u l-infieq tal-Kunsill, liema dħul kien jammonta għal € 943,638. Għall-ewwel darba kien hemm dħul mill-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA in konnessjoni ma' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata u l-Ħames Fażi tal-Programm dwar id-Dwal tat-Toroq f'Ta' Masrija.

7.4. Kien hemm żieda żgħira fil-pagi fuq tas-sena 2006/07 ta' € 2,251, filwaqt li kien żieda wkoll fl-infieq fl-*Operations and Maintenance* u Spejjeż Amministrattivi li kienu ta` €7,957 u € 15,464, rispettivament. Minkejja dan, ġie reġistrat *surplus* ta` €212,087 meta jinqatgħu l-ispejjeż rikorrenti kontra d-dħul għas-sena finanzjarja 2007/2008.

7.5. Is-Sur Vella spjega li l-infieq relativament qawwi li kien hemm fuq it-tiswija tat-toroq u l-bankini, kien dovut lill-bankini ġodda li saru fiż-żona Ta' l-Ibraġ. Huwa fakkar li l-Kunsill dejjem ħaddan *policy* li permess tagħha bankini li jsiru flimkien mar-*resurfacing* tat-toroq ma jidħlux ma' assi permanenti. Minħabba l-infieq qawwi li kien hemm fuq proġetti kapitali, il-valur nett ta' l-assi permanenti (*Net Book Value*) żdied għal € 117,104. F`dawk li huma assi kurrenti, il-Kunsill għandu jdaħħal € 70,861, li jikkonsistu prinċipalment mill-kontijiet dwar it-tiswija ta` trinek li jitħaffru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma, ammonti dovuti mis-Sistema dwar l-Infurzar Lokali, mill-Fond għat-Titjib Urban eċċ. Kien hemm €22,299 imgħaxijiet dovuti minn kontijiet bankarji. Il-flus miżmuma fil-banek naqsu fuq tas-sena preċedenti b`€ 77,428 u kienu jammontaw għall € 619,545.

7.6. Is-Sur Vella aċċena wkoll għas-Sistema ta` l-Infurzar Lokali, fejn ġie reġistrat telf u għalhekk il-Kumitat Konġunt Tramuntana talab lill-Kunsill iħallas is-somma netta ta' € 25 biex jagħmel tajjeb għall-istess telf. Ġie spjegat ukoll li l-pagamenti dovuti għall-ħlas ta' kontravvenzjonijiet li ngħataw qabel bdiet titħaddem is-sistema tal-*pooling* kważi spiċċaw għal kollox. Għalkemm is-somma dovuta skond il-i*statement* meħud mill-komputer fil-31 ta` Marzu 2008 kien juri dħul ta' € 17,026, hemm dubju kemm dawn jistgħu jinġabru kollha u għalhekk id-dħul tnaqqas € 10,119.

7.7. Fir-rigward ta` *Contingent Liabilities*, is-Sur Vella qal li ġew inklużi l-garanziji bankarji li għamel il-Kunsill a favur il-Kumitat Konġunt dwar id-Dwal tat-Toroq (€ 466) u l-MEPA fir-rigward ta` Ġnien l-Għoljiet (€ 1,165).

7.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jixtieq juri l-apprezzament lis-Sur Christian Vella għas-servizzi li huwa ta lill-Kunsill tul iż-żmien li huwa serva ta' Sindku fit-tħejjija ta' l-istqarrijiet finanzjarji u l-pariri siewja li jagħti lis-Segretarjat tal-Kunsill.

7.9. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

**"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2007/2008 ġie spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill; u**

**Billi ma kienx hemm punti li baqa' lok ta` aktar diskussjoni dwarhom wara li Kunsill kien konvint li r-rapport jirrifletti l-andament ta' l-operat tiegħu in ġenerali;**

**Japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istess rapport u jgħaddiħ lill-Uditur Ġenerali skond il-Proceduri ta' l-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".**

7.10. Il-mozzjoni għaddiet b`mod unanimu mill-kunsillieri preżenti wara li kienet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 8.1. Xiri ta' Poloz ta' Assikurazzjoni (K/1/4/Vol V)

8.2. Is-Segretarju għarraf illi saret sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex jinkisbu stimi dwar il-poloz konnessi ma' l-operat tal-Kunsill. Id-ditti Mediterranean Insurance Brokers, Island Insurance Brokers u KDM Insurance Brokers Ltd wieġbu għas-sejħa.

8.3. Is-Segretarju spjega li l-*broker* attwali, M.I.B. Ltd, offrew l-inqas *premium*, filwaqt li kienet fuq l-istess livell mat-tnejn l-oħra f`dik li hija kopertura. Huwa għalhekk irrakkomanda l-offerta ta' Citadel Insurance skond il-*premia* ikkwotati minn M.I.B. Ltd.

8.4. Il-Kunsill qabel mat-tiġdid tal-poloz ta' Citadel Insurance għas-sena 2008/2009.

## 9.1. Kalendarju ta' Attivitajiet – Mejju / Settembru 2008 (A/5/5/Vol IV)

9.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li l-Festa Ambjent issir nhar is-Sibt 7 ta' Gunju 2008. Huwa qal li kontenut tagħha ser jiġi diskuss fid-dettal mis-sotto-Kumitat konċernat.

9.3. Is-Sindku ppropona li l-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju 2008, wara li jiġi żgurat li l-każini tal-baned m'għandhomx inpenji oħra.

9.4. Is-Sur Cutajar issuġġerixxa li l-edizzjoni li jmiss ta' Festa Biedja tkun fi Triq Qasam Barrani fejn ikun hemm fiera ta' ħaxix u frott li tibda minn filgħodu u tispiċċa għal ħabta ta' l-4.00pm. Filgħaxija jkun hemm bejgħ ta' ikel fi Triq Qasam Barrani stess minn stabbilimenti ta' ikel mill-Mellieħa stess.

9.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrimarka li Triq Qasam Barrani hija xi ftit jew wisq esposta għax-xemx fis-sajf speċjalment għall-bejjiegħa, filwaqt li mhux daqshekk ċentrali bħalma huwa Misraħ il-Parroċċa.

9.6. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li jkun diffiċli għall-istabbilimenti ta' l-ikel li jipprovdu *chef* fi tmiem-il ġimgħa u għalhekk jista' ma jkunx hemm ir-rispons mixtieq.

9.7. Is-Sindku wieġeb li l-problema tax-xemx tista' tingħeleb bil-kiri ta' tined.

9.8. Il-Kunsill qabel li Festa Biedja 2008 issir nhar is-Sibt 26 ta' Lulju.

9.9. Is-Sur R. Cutajar ippropona l-proġett ta' tisbieħ li qed jitwettaq fil-wesgħa bejn Triq il-Kbira u Triq l-Għoljiet, huwa mistenni li jitlesta sa l-aħħar t'Awissu 2008. Ġie ssuġġerit li dan jissemma' għall-emigranti Mellieħin u għalhekk għandu jiġi nawgurat proprju fil-jum li ser jiġi dedikat għalihom qabel il-Festa tal-Vitorja.

## 10.1. Tkomplija tat-Tieni Fażi tal-Proġett f'Ta' l-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

10.2. Is-Sindku qal li l-ewwel fażi tal-proġett f'Ta' l-Ibraġ kien inizjattiva tajba li ntlaqgħet tajjeb mill-pubbliku, għalkemm kien hemm kritika li xi passaġġi huma dojoq wisq li ma jistgħux jgħaddu żewġ persuni f'daqqa. Minħabba li l-medda ta' l-art li fadal hija waħda konsiderevoli, is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni li fil-Mellieħa hawn nuqqas ta' postijiet ta' rikrejazzjoni li normalment ikunu nkorporati ġo *family park*, bħalma huma *cycle* u *skate board tracks*, *multi-purpose courts* eċċ.

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li din il-proposta għandha tiġi diskussa mal-periti fdati b'dan il-proġett – M.P. & D.C. Ltd.

## 11.1. Nominazzjoni ta' membri fuq is-Sotto-Kumitati (K/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar ir-responsabilitajiet assenjati lill-kunsillieri fis-seduta preċedenti u talab sabiex jitressqu nominazzjonijiet għall-membri fuq is-sotto-kumitat li jridu jitwaqqfu. In-nominazzjonijiet li tressqu kienu kif jidher hawn taħt:

| Kunsillier li ressaq in-nominazzjonijiet | Persuna nominata | Nru. ta' l-ID |
|---|---|---|
| Patrick Cutajar<br>**Sotto-Kumitat Komunità Kummerċjali u *Self-Employed*** | Azzopardi Herbert | 483756M |
| | Borg Jimmy | 483061M |
| | Debono Mario | 360257M |
| | Cassano Charles | 570049M |
| | Grima Alex | 166279M |
| | Bartolo Joseph | 757859M |
| Joseph Azzopardi<br>**Sotto-Kumitat Ambjent u Wirt Storiku** | Vella Odette | 292080M |
| | Attard Salvu | 773853M |
| | Fenech Francis | 600953M |
| | Grima Marilyn | 246985M |
| | Darmanin Twanny | 880751M |
| | Caruana Carmen | 722061M |
| | Farrugia Joseph | 258863M |
| | Vella Alfred | 773734M |
| | Zammit Odette | 048469M |
| Hilary Fenech<br>**Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Sports** | Fenech Jesmond | 174188M |
| | Chetcuti Johann | 299871M |
| | Magro Paul | 298593M |
| | Borg Robert | 566887M |
| | Debono Stephanie | 104988M |
| | Van der Werden Petronella | 157696M |
| | Cutajar Elaine | 468476M |
| | Fenech Margaret | 166977M |
| | Pisani Michael | |
| | Abela Arthur | 348765M |
| | Muscat Alex | 557560M |
| | Ellul Joan | 172760M |
| | Cini Louise | 059565M |
| | Gauci Luke | 459990M |
| | Gauci Sarah | 645881M |
| | Gatt Norma | 0363001L |

| Kunsillier li ressaq in-nominazzjonijiet | Persuna nominata | Nru. ta' l-ID |
|---|---|---|
| Hilary Fenech<br>**Sotto-Kumitat Edukazzjoni** | Grima Jane | 0123474M |
| | Vella Sueanne | 0504782M |
| | Stefan Borg | 0230071M |
| | Muscat Jimmy | 0315749M |
| | Muscat David | 0019774M |
| | Vella Ernest | 0537574M |
| | Vella Alfred | 0773734M |
| | Deguara Anthony | 0221340M |
| Robert Cutajar<br>**Tim ta' l-Attivitajiet Popolari** | Borg Lina | 0207749M |
| | Gauci Ursola | 0207749M |
| | Cini Patricia | 0333362M |
| | Cutajar Margaret | 0071764M |
| | Bonanno David | 0119576M |
| | Castillo Ivan | 0314275M |
| | Mifsud Steve | 0453576M |
| | Saliba Anthony | 0824137M |
| | Saliba Carmen | 0625140M |
| | Membri tal-Koperattiva Rurali Manikata | |
| | Micallef Lawrence | 0200377M |
| | Farrugia Etienne | 0083475M |
| | Grech Euchar | 0609436M |
| | Grima Marilyn | 0246985M |
| | Vella Odette | 0292080M |
| Robert Cutajar<br>***Tender Adjudication Board*** | Buttigieg John - Kunsillier | |
| | Bartolo Emvin - Kunsillier | |
| | Calleja Peter | 0609436M |
| | Cordina Gordon | 0093272M |
| | Borg Joseph | 0745540M |
| | Gambin John | 0516251M |
| | Xuereb Stephen | 0189872M |

11.3. Il-Kunsill approva n-nominazzjonijiet imressqa.

## 12.1. Kuntatti mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (P/3/2/Vol IV)

12.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mas-Sur Ray Bezzina mill-Ministeru msemmi dwar:

- il-possibiltà li l-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet jinżammu jagħmlu fuq tiswijiet meħtieġa fil-lokalità;
- Makkinarju li għandu jkun għad-disposizzjoni tal-ħaddiema tad-distrett, bħalma huwa

*bobcat* mgħammra bi *scarifier* ecc; u

- il-bini ta' monument bl-istemma u tal-kunsill bħala parti mill-Proġett ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa;

12.3. Flimkien mas-Sindku attendew ukoll is-Segretarju Eżekuttiv, u l-*foremen* Godfrey Buttigieg u Victor Muscat.

12.4. Is-Sur R. Cutajar qal li jixtieq jieħu l-opportunità biex juri l-apprezzament tiegħu għal mod immedjat u flessibbli li bih jaġixxu dawn il-ħaddiema meta jiġu msejħa mill-Kunsill. Huwa qal ukoll li dan jixtieq jagħmlu pubblikament permezz tal-magazin "Mill-Qiegħa".

12.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Attività mtellgħa mis-SEDQA (A/5/3/Vol VIII)

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għal attività mtellgħa mis-SEDQA nhar is-Sibt 3 ta' Mejju 2008 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa. Huwa spjega li din kienet tikkonsisti fi sketches imtellgħa minn żgħażagħ kontra d-droga. Is-Sur Fenech qal li din l-opportunità nqalgħet wara s-seduta preċedenti u għalhekk ma ssemmietx dakinhar. L-attività attendew għaliha, s-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier P. Cutajar u s-Segretarju.

13.3. Is-Sur Fenech qal li kien qed jistenna aktar konkorrenza b'mod speċjali minn dawk l-għaqdiet li normalment ikunu ffrekwentati miż-żgħażagħ, illi kienu nfurmati dwar l-attività minnu personali.

13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija (P/9/Vol III)

14.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li fl-24 ta' April 2008 saret laqgħa bejn il-Kunsill Lokali u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana. fejn ġew diskussi materji li jolqtu l-lokalità. Id-delegazzjon minn naħa tal-Kunsill kienet komposta mis-Sindku Robert Cutajar, il-Viċi Sindku Emvin Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv Carmel Debono.

14.3. Fost is-suġġetti li tqajjmu waqt din il-laqgħa kien hemm:

- it-titjib meħtieġ fl-Ghases tal-Mellieħa;
- it-traffiku qawwi li jgħaddi mill-Mellieħa fil-Ħdud u l-festi; kif ukoll
- ir-riżultati li kellha l-Pulizija fl-aħħar snin fil-Mellieħa f'dik li hija kriminalità u l-possibilta` li jitwaqqfu *neighbourhood watches*.

14.4. Kien hemm qbil li fix-xhur li ġejjin għandhom jitfasslu numru ta' inizjattivi ġodda u laqghat bil-parteċipazzjoni tar-residenti. Dan biex jingħata aktar tagħrif dwar prevenzjoni ta' kull tip ta' kriminalità li jinkludi fost oħrajn l-abbuż mid-droga.

14.5. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li bħala riżultat ta' din il-laqgħa, fl-20 ta' Mejju 2008 ser tiġi organizzata żjara edukattiva fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u l-Valletta Water Front.

14.6. Il-Viċi Sindku qal li l-Kummissarju ser ikun dispost li jindirizza laqgħa għar-residenti dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità.

14.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Tisħib ma' l-għaqdiet f'attivitajiet li jiġu organizzati (K/2/28)

15.2. Is-Sindku qal li fil-laqgħat li kellu riċentement ma' l-għaqdiet li m'humiex dawk mużikali, l-għajta hija li huma b'xi mod qed jiġu deskriminati mill-Kunsill. Kompla jgħid li hemm mezzi diversi kif l-għaqdiet jistgħu jiġu mgħejjuna, skond il-ġeneru tagħhom. Huwa aċċenna għall-kuntatti li kellu ma' aġenzija ta' l-ivjaġġar li ħajjarha sabiex tinkludi lill-Mellieħa fl-itinerarji tagħha u tinkludi x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-Mużew tat-Tunnara. Fil-fatt l-istess aġenzija ser torganizza vjaġġi permezz ta' *open top buses*. Bl-istess mod qed jiġu mħajra l-aġenziji li jorganizzaw l-attivitajiet għall-istudenti barranin.

15.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li r-relazzjoni ma' l-għaqdiet mużikali kienet waħda fejn il-Kunsill jottjeni numru ta' servizzi mingħandhom bi ħlas u tinħareġ riċevuta fiskali. Is-Sur Buttigieg kompla jgħid li ftehim bħal dan mhux la kemm isir ma' għaqdiet oħra bħalma huma dawk sportivi. Minkejja dan instabet formola kif l-għajnuna tingħata xorta waħda b'mod indirett biex ikomplu bil-ġid li jagħmlu fil-komunità.

15.4. Il-Kunsillier H. Fenech irrimarka li meta tingħata xi għajnuna mill-Kunsill, taħt forma jew oħra, dejjem għandu jiġi aċċertat li l-għaqda illi ser tibbenefika tkun qed tirrendi servizz lill-komunità. Is-servizz li jingħata mhux neċessarjament ikun wieħed tanġibbli. Huwa semma bħala eżempju l-formazzjoni tajba fil-karattru tat-tfal u żgħażagħ li jipprattikaw xi dixxiplina sportiva fi ħdan xi assoċjazzjoni.

15.5. Is-Sindku ippropona li għandu jerġa jitwaqqaf is-sotto-kumitat dwar ir-relazzjoni ma' l-Għaqdiet, sabiex jiddiskuti t-tiġdid tal-ftehim ta' koperazzjoni ma' l-għaqdiet mużikali li skada, kif ukoll għandu jara kif jistgħu jiġu nklużi għaqdiet oħra li jiffunzjonaw fil-lokalità. Is-Sur R. Cutajar ippropona li dan is-sotto-kumitat ikun *chaired* mill-Viċi Sindku E. Bartolo, filwaqt li l-membri tiegħu għandhom ikunu persuni li llum m'għandhomx involuti f'xi għaqda fil-lokalità.

15.6. Il-Kunsill laqa' din il-proposta u kien tal-fehma li għandha tkompli tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

## 16.1. Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/4/Vol II)

16.2. Is-Sindku għarraf li għaddejjin kuntatti ma' Ms Bernardette Psaila – Kap tat-Taqsima Ċentri ta' Matul il-Jum fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika – bil-għan li dan ikun jista' jinfetaħ fil-futur qarib. Is-Sur R. Cutajar spjega li ċ-ċentru jinfetaħ bejn it-8.00am u l-4.00pm, fejn jingħata kolazzjon u jiġu organizzati attivitajiet bħal taħditiet u logħob ez: tombla eċċ. Sad-data tas-seduta kienu rreġistraw madwar 90 persuna biex jattendu ċ-ċentru.

16.3. Intqal ukoll li l-Kunsill jista' jkun involut billi jipprovdi t-trasport għall-anzjani u tindif tal-ħġieġ f'intervalli li jridu jiġu stabbiliti. Is-Sindku qal li l-kuntatti għadhom għaddejjin.

16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Proġett Pilota għat-Turiżmu fil-Mellieħa (T/12/Vol II)

17.2. Is-Sindku għarraf li s-Segretarjat responsabbli mit-Turiżmu fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru nkariga lis-Sur Julian Zarb sabiex jħejji rapport bil-għan li jidentifika fatturi illi jtejbu l-prodott turistiku fil-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal li qed ikollu laqgħat mas-Sur Zarb tliet darbiet fil-ġimgħa biex jgħin fit-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet li jridu jsiru lill-Gvern.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Ġbir ta' skart riċiklabbli fil-Mellieħa u l-Manikata (K/6/2Vol IV)

18.2. Is-Segretarju qal li Northern Cleaning Cooperative Ltd għarrfu lill-Kunsill illi l-ġbir bieb bieb ta' l-iskart domestiku riċiklabbli fil-Mellieħa u l-Manikata ser jibda jsir kull nhar ta' Ħamis, b'effett mit-8 ta' Mejju 2008 mis-1.00pm 'il quddiem. Skond il-ftehim li ntlaħaq bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, l-iskart magħmul minn metal, karta u platik jrid jiġi magħżul u jitħalla fil-boroż il-griżi li qed jitqassmu mill-Kunsill Lokali. Skart domestiku riċiklabbli, inkluż il-ħġieġ, xorta jista' jintrema fl-eqreb *bring-in site*.

18.3. Is-Sindku fakkar li d-data oriġinarjament mħabbra biex jibda s-servizz kellha tkun is-6 ta' Mejju 2008 u kull nhar ta' tlieta. Din inbidlet għall-ġurnata tal-Ħamis għaliex il-kuntrattur kien ser ikollu ħafna xogħol ikkonċentrat f'jum wieħed. Minħabba dan, il-kuntrattur intalab jagħmel ġabra xorta waħda fis-6 ta' Mejju, filwaqt li ser tinħareġ stqarrija għall-istampa biex tinfurma lir-residenti bit-tibdil li kien hemm.

18.4. Ġie deċiż ukoll li għandha tissejjaħ laqgħa għar-residenti in ġenerali dwar l-andament ta' dan is-servizz fit-28 ta' Mejju 2008 fis-7.30pm. Il-laqgħa għandha ssir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja.

## 19.1. *Mobile telephony antennas* fiż-żona tal-Kortin (P/5/8/C)

19.2. Is-Sindku għarraf li kellu laqgħa ma' madwar 25 persuna residenti fiż-żona tal-Kortin illi qed jipprotestaw dwar it-twaħħil ta' żewġ antennas tat-telfonija ċellolari li twaħħlu bil-permess tal-MEPA fl-istess żona. Huwa kompla jgħid illi l-MEPA kienet iġġwidata fid-deċiżjoni tagħha dwar dawn il-permessi wara li kellha f'idejha rapporti tekniċi minn esperti f'dan il-qasam. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa rrakkomanda li għandha ssir laqgħa kemm mal-GO plc, kif ukoll mal-Vodaphone sabiex tiġi ċċarata l-affari.

19.3. Filwaqt li l-Kunsill osserva li antennas ta' dan it-tip jeżistu oħrajn bħalhom qrib ir-residenzi, approva li jsiru l-laqgħat proposti.

## 20.1. Dehra ġdida għas-sit eletroniku tal-Kunsill (I/1/3)

20.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa qed jiġbor stimi dwar il-*hosting* u l-aġġornament b'mod regolari tas-sit eletroniku tal-Kunsill. Il-*host* attwali – Liquid Studios – intalbu jgħaddu d-*database* bit-tagħrif kollu li ddaħħal fis-sit matul iż-żmien. B'hekk jiġi ffrankat ix-xogħol jekk kemm-il darba jiġi deċiż li jkun hemm trasferiment tad-data kollha li ġiet miġbura sa mill-kostruzzjoni tal-*website* mill-2002.

20.3. Bħala kontenut, is-Sur P. Cutajar ippropona li jkun hemm arkivju tar-ritratti kollha li għandu l-Kunsill, kif ukoll il-minuti tas-seduti kollha.

20.4. Is-Segretarju qal li jkun hemm diversi nies li jkollhom bżonn ta' formoli konnessi ma' permessi li jinħarġu mill-Kunsill. Huwa għalhekk ippropona li dawn ikunu jistgħu jitnizzlu mis-sit. Is-Sur P. Cutajar spjega li dawn mhux neċessarjament ikunu jieħdu spażju fis-sit, għar-raġuni li jkunu jistgħu jinġiebu permezz ta' *links* li jinħolqu apposta minn siti oħra.

20.5. Is-Sur P. Cutajar qal li huwa jkompli jgħaddi aktar tagħrif fis-seduta li jmiss.

## 21.1. Tħaffir ta` trinek fi Triq Ġorġ Borg Olivier - Mellieħa (T/4/2/Vol XVIV)

21.2. Is-Sindku aċċenna għax-xogħlijiet li jinvolvu l-bdil ta' *mains* ta' l-ilma fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier, li kienu ser jibdew fit-22 ta' April 2008. Huwa qal li kien hemm pressjoni mis-sidien tal-ħwienet peress li huwa maħsub li x-xogħlijiet kienu ser jaħtbu max-xhur tas-sajf. Is-Sur Cutajar qal li saret laqgħa mal-Perit Lino Zammit, l-Inġinier Nigel Ellul u s-Sur Joe Mifsud mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Sussegwentement inħarget stqarrija għall-istampa mill-Kunsill fejn intqal li x-xogħlijiet ġew trasferiti għall-Jannar 2009 meta l-kummerċ ma' jkunx daqshekk intensiv.

21.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li dawn ix-xogħlijiet ilhom ippjanati mill-inqas sentejn u ma sarux qabel peress li l-Korporazzjoni kienet għadha mhux ċerta dwar jekk tgħaddix il-*main* fil-bankina jew fil-ġnub tal-karreġġjata.

21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 22.1. Ktieb dwar l-istorja tal-Mellieħa għat-tfal ta' l-iskola primarja (P/3/4)

22.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li qed jinħass in-nuqqas ta' tagħrif dwar il-lokalita` għat-tfal fil-livell primarju. Huwa kkummenta li l-pubblikazzjoni tal-ktieb "*Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / Mellieħa Through the Tides of Time*" kien pass fid-direzzjoni t-tajba f'dak li jirrigwarda l-adulti. Is-Sur Fenech qal li huwa beħsiebu jkompli jiżviluppa din l-ideja billi jiftaħ diskussjoni fis-sotto-kumitat konċernat.

22.3. Il-Kunsill innota u aċċetta li titkompla d-diskussjoni fuq dan is-suġġett aktar 'il quddiem.

## 23.1. Korsijiet tal-Kompjuter (E/3/1/9/Vol II)

23.2. Is-Sindku għarraf li kien hemm madwar sittin persuna li applikaw għall-korsijiet tal-kompjuter. Is-Sur R. Cutajar qal li ser jsiru sforzi biex jingħata skont fejn ikun hemm iktar minn membru wieħed tal-familja li applika għal xi kors. Huwa kompla jgħid li ser issir laqgħa fis-7 ta' Mejju 2008 minn TCTC Ltd u l-Kunsill flimkien għal dawk kollha interessati.

23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 24.1. Restawr tal-kappella fuq il-Gżejjer ta' San Pawl (R/2/Vol II)

24.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ġie avviċinat dwar il-ħtieġa li tiġi rrestawrata l-kappella li hemm fuq il-gżira l-kbira ta' San Pawl – magħrufa bħala Selmun. Huwa kompla jgħid illi l-istess persuna offriet is-servizzi ta' krejn armat fuq barkun sabiex ikun jista' jsir it-trasport tal-ħaddiema u l-materjal meħtieġ.

24.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Heritage Malta, kif ukoll mas-Segretarju Permanenti responsabbli mit-Turiżmu fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar din l-offerta.

## 25.1. Park Nazzjonali Ta' Natura u Storja fil-Majjistral (A/4/10)

25.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi f'dak li jirrigwarda r-rappreżentanza tal-Kunsill Lokali fuq il-Bord ta' Tmexxija tal-Park.

25.3. Is-Sindku wieġeb li huwa kompla jsegwi t-talba li kienet saret lill-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Jidher li l-għaqdiet ambjentali qed jirreżistu li fit-tmexxija tal-Park tidħol parti oħra li ġejja minn naħa uffiċjali, flimkien mal-Gvern Ċentrali jew l-aġenziji tiegħu. Minkejja dan, is-Sur R. Cutajar għarraf li ser issir laqgħa maċ-*Chairman* tal-Bord it-Tabib Stanley Zammit u s-Sinjorina Petra Bianchi minn naħa ta' N.G.O.'s.

25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 26.1. Ħarsien ta' l-imsaġar ġewwa l-Aħrax (A/3/Vol II)

26.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li fid-dawl tal-fatt illi l-istaġun tal-kaċċa baqa' ma nfetaħx, il-kaċċaturi m'għadhomx daqshekk viġilanti fuq l-ħsara li tista' tiġri lis-siġar permezz tal-vetturi li jidħlu fl-imsaġar. Huwa għalhekk ippropona li jittieħdu miżuri biex jiġu evitati nirien u l-vandaliżmu.

26.3. Is-Sindku qal li ser jara li din il-preokkupazzjoni tinġieb għall-attenzjoni tas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi, l-Ekonomija u Investimenti, illi huwa responsabbli mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2008 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**